# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 41.**
**Citazz. Nru. 1281/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Victor u Josephine mizzewgin Scerri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih il-Bank attur wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenuti Victor u Josephine mizzewgin Scerri;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Victor u Josephine mizzewgin Scerri fl-ammont ta' tlett elef, mija u

hdax-il liri maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,111.57) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenuti Victor u Josephine mizzewgin Scerri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A" u Dok. "B1 sa B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti Victor u Josephine mizzewgin Scerri gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 4 t'Ottubru 1999 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "C" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Victor u Josephine mizzewgin Scerri jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mija u hdax-il liri maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,111.57) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-konvenuti Victor u Josephine mizzewgin Scerri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A" u Dok "B1 sa B3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 t'Ottubru 1999 (Dok "C") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-Bank attur ipprezentata waqt is-smigh li permezz taghha nizzel it-talba tieghu kontra l-konvenuti ghall-ammont ta' tlett elef tmienja u sittin lira maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm3068.86c) flimkien mal-imghaxijiet legali mill-1 t'Ottubru, 2000;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni u kif ridotta bin-nota fuq imsemmija;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tal-Bank attur** kif dedotta fic-citazzjoni u mnizzla permezz tan-nota fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, t'Ottubru, 2000.**